**29 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Vincent Fava

**Perizja Analitika — Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 792 tal-1949.**

*F'każ fejn l-imputat huwa akkużat li waħħal fuq fliexken tax-xorb tikketti li juru qawwa ta' grad ħażina tax-xorb kontenut f'dawk il-fliexken, hu sewwa li l-Prosekuzzjoni tipproduċi bħala xhud dwar il-qawwa tax-xorb kontenut f'dawk il-fliexken lill-analitiku tal-Gvern; b'daqshekk ma jsir xejn kontra l-liġi, apparti li hi ħaġa ta' kulljum li f'kawżi ta' ġeneru simili jixhdu s-sanitarji tad-dipartiment interessat.*

*Dan ma jfisserx, u ma jistgħax ifisser, li mhux leċitu lill-imputat li jitlob, u lill-Qorti li tikkonċedi, jekk u meta jidhrilha li jkun il-każ, it-talba tiegħu għan-nomina ta' espert jew esperti oħra. Tista' anki tipproċedi f'dan is-sens il-Qorti "marte proprio", meta jidhrilha li jkun espedjenti li tiġi kontrollata l-prova naxxenti mix-xhieda tal-analitiku tal-Gvern. Liema talba ma tiġix milqugħa mill-Qorti jekk din ma tħossx in-neċessità li tinnomina esperti oħra.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija f'isem il-Kollettur tad-Dwana quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Vincent Fava, talli f'Tal-Pjetà u bnadi oħra, f'dawn l-aħħar tliet xhur, bħala persuna li għandha liċenza speċjali biex taħdem ix-xorb (spiriti), maħruġa lilu mill-Kollettur tad-Dwana bis-saħħa tal-paragrafu (2) tan-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 792/1949 ("Alcoholic Beverages Regulations, 1949") kiser il-paragrafu nru. 4 tal-imsemmija Regolamenti billi waħħal tikketti li juru qawwa ta' grad ħażina fuq fliexken tax-xorb (spiriti) maħdum minnu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-11 ta' Awissu 1960,

li biha sabitu ħati skond l-imputazzjoni, u kkundannatu għal £20 multa u ordnat il-konfiska tal-oġġetti eżibiti;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Fir-rikors tal-appell hemm sollevat punt li l-appellant isejjaħ preliminari, imma verament hu kwistjoni ta' valutazzjoni ta' provi. "Ad ogni modo", l-appellant issottometta li l-Ewwel Qorti ma kienx imissha qagħdet fuq ix-xhieda teknika tal-analitiku tal-Gvern, imma jmissha nnominat espert barrani. Il-Qorti tirrileva li l-pożizzjoni ġuridika vera hija li hu sewwa li l-Prosekuzzjoni tipproduċi l-analitiku governattiv bħala xhud, għaliex skond l-istess liġi (Kap. 64) li taħtha saru r-Regolamenti li fuqhom hemm l-imputazzjoni odjerna, il-kampjun elevat għandu jingħata lill-analitiku tal-Gvern (art. 85), u kwindi hu loġiku li dan jiġi jixhed b'ex jagħti kont tal-aċċertamenti tiegħu. B'daqshekk, għalhekk, ma jsir xejn kontra l-liġi, apparti li hi ħaġa ta' kulljum li f'kawżi ta' ġeneru simili jixhdu s-sanitarji tad-dipartiment interessat. Dan, però, ovvjament, ma jfisserx, u ma jistgħax ifisser, li ma hux leċitu lill-imputat li jitlob, u leċitu lill-Qorti li tikkonċedi, jekk u meta jidhrilha li jkun il-każ, it-talba tiegħu għan-nomina ta' espert jew esperti oħra. Tista' anki tipproċedi f'dan is-sens il-Qorti "marte proprio", meta jidhrilha li jkun spedjenti li tiġi kontrollata l-prova naxxenti mix-xhieda tal-analitiku tal-Gvern (ara f'materja analoga sent. Vol. IX, p. 182). Għalhekk hi kwistjoni ta' provi u ta' spedjenza ta' nomina, li jista' jkun hemm lokha bħala konsegwenza ta' dak l-apprezzament;

Ikkunsidrat, fil-fatt;;

Sabiex ikollha quddiemha l-kwadru komplet tal-każ, il-Qorti semgħet il-provi kollha li talvolta kien jista' jkollhom influwenza fuq is-soluzzjoni tal-kwistjoni. Iżda, "auditis probationibus", il-meritu tal-appell jista' jiġi sempli-

fikat. "Ex confessis", l-imputat ħadem dan ix-xorb bil-ġnibru tal-forza alkoolika ta' 18c., ċjoè ħadmu hu, jew per mezz tal-impjegat Bonanno, li mit-tieni xhieda tiegħu jidher li ħadmu taħt id-direzzjoni tal-imputat, u fuq ir-riċetti ta' ċertu Barbara, li ġew "ex admissis" (ara xhieda tal-imputat) adottati mill-imputat, li, kif qal hu, kompla fuq is-sistema ta' dan Barbara. Fuq dak ix-xorb l-imputat waħħal tikketta bl-indikazzjoni tal-forza alkoolika ta' 18c. issa, hu ċert li l-imputat għamel il-"blending" — zokkor u essenza. Malli l-appellant ħallat dawn l-ingredjenti mal-ġnibru, tabilfors u inevitabbilment hu baxxa l-forza alkoolika, u l-gradazzjoni bilfors niżlet. Bniedem tas-sengħa ma jistgħax ma jkunx jaf b'din id-degradazzjoni fil-forza alkoolika, u għandu jinduna mill-"blending" stess;

Min dan jiġi li l-forza alkoolika ndikata fuq it-tikketta żgur kienet ħażina, għax kienet dik ta' qabel il-"blending", u l-"blending" bilfors jiddegrada għax ikabbar il-volum. Anki li wieħed jagħmel il-"blending" bl-addoċċ hu doluż, għax jaf li jkun qiegħed iġib degradazzjoni bl-ebda mod kontrollata minnu, u ċjò non ostante jaġixxi b'dak il-mod. Aġir simili jmur aktar l-hemm minn negliġenza, u jsir "criminal misconduct", ossija aġir doluż, u għalhekk jintegra l-element intenzjonali ta' dan id delitt. L-imputat ammetta li hu għandu strument li bih jittestja l-grad tal-forza alkoolika tal-ispiritu li jkun sejjer jaħdem bih, u li għalhekk hu ttestja li l-forza tal-ġnibru kienet tassew ta' 18c.; kwindi ma setgħax ma jkunx jaf li l-forza dikjarata fuq it-tikketta kienet falza, għaliex kien jaf li bil-mixxela taz-zokkor u tal-essenza l-forza titbaxxa;

F'dan il-kontinġenzi, il-Qorti ma tħoss ebda neċessità li tinnomina esperti;

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.